# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta 6 ta' Diċembru, 2022**

**Talba numru 142/2022 SFJ**

**PULLICIN CONBRICKS LTD (C-91893)**

**vs.**

**PLATINUM CONSULTANCY LTD (C-72102)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremetiet u talbet:

> *"lis-soċjetà attriċi qed titlob is-soċjetà konvenuta sabiex tħallas is-soma ta' EUR247.80 (mitejn u sebgħa u erbgħin euro u tmenin ċenteżmu) rappreżentati bilanċ minn somma akbar prezz ta' bejgħ ta' konkos u bricks u servizz relatati li baqa' ma tħallasx bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 15 ta' Diċembru, 2021 u bl-imgħax skont il-liġi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta inġunta għas-subizzjoni".*

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet notifikata fis-16 ta' Settembru, 2022 a Fol 13.

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx l-ebda risposta u ma deher ħadd għal ebda seduta.

Ra illi ġie ppreżentat kapitolu fil-11 ta' Ottubru, 2022 u dakinhar stess reġgħet issejħet is-soċjetà konvenuta iżda ma deher ħadd.

Fil-11 ta' Ottubru, 2022 xehed bil-ġurament David Haber li huwa l-Accounts Manager tas-soċjetà attriċi, dan ikkonferma li l-ammont ta' EUR247.80 (mitejn, sebgħa u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu) sal-lum huwa dovut u li ma sar l-ebda ħlas, ikkonferma li dan kien bilanċ ta' prezz ta' konkrit bricks u kiri ta' cranes tal-kostruzzjoni kif indikat fl-istess avviż.

Ix-xhud ippreżenta reżoluzzjoni tas-soċjetà attriċi li jindika illi huwa għandu rappreżentanza legali tal-istess soċjetà.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Oltre x-xiehda dokumentazzjoni ppreżentat, it-tribunal huwa sodisfatt illi s-soċjetà attriċi provdiet l-evidenza għat-talba tagħha. It-Tribunal josserva illi l-konvenut ma ressaq l-ebda difiża u ebda prova in kontradizzjoni. It-Tribunal, għalhekk, m'għandu l-ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevoli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "*Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet".*

Wara li t-Tribunal ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema' lil David Haber jixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi illi s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-avviż fit-talba.

**Deċide**

Għalhekk, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentament jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma EUR247.80 (mitejn, sebgħa u erbgħin ewro u tmenin ċenteżmu) bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u dan mid-data tal-ftuħ tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv. It-Tribunal jikkundanna wkoll is-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża inkluz tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Dicembru 2021.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**